MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 431/2011

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fittnejn (2) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgha u sittin (1969) (Ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda illum maggorenni ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dr. Carmelo Lia mill-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (1989) (Ara Dok. B anness) ;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom tnejn u ghoxrin

sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut lill-intimata f'dan l-istadju stante skond il-kuntratt tas-separazzjoni huma m'ghandhomx dritt ta' manteniment minghand xulxin (Ara Klawsola 3 ta' Dok. B anness) u lanqas hemm manteniment dovut lill-bint li llum ghandha fuq erbghin (40) sena ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-12 ta' Dicembru 2011;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimat, illi ghazel illi ma jipprezentax risposta, izda permezz tax-xiehda tieghu iddikjara bil-gurament tieghu illi ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti f'dan ir-rikors;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress

illi irnexxielha tipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Dicembru 1989;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lir-rikorrenti skond il-kuntratt tas-separazzjoni u illi bint il-partijiet illum ghandha 'il fuq minn 40 sena u ghalhekk ma hemm l-ebda manteniment dovut lilha;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------